# LECTIO DIVINA

## IT-II ĦADD TAL-GĦID

Sena C

## Ġw 20,19-31

**Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa...**

Il-jum tal-qawmien ta' Ġesù huwa *l-ewwel jum* ta' ħajja ġdida, ta' storja ġdida, ta' ħolqien ġdid. Huwa *jum il-Mulej* (Apok 1,10). L-istess ġest li Alla għamel fil-ħolqien meta *nefaħ* fil-bniedem u tah il-ħajja (Ġen 2,7) jagħmlu Ġesù fuq l-appostli fil-jum tal-qawmien tiegħu waqt li jagħtihom ħajja ġdida (Ġw 20,22).

**Meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom.**

Il-biża' hija l-kundizzjoni tad-dixxiplu fid-dinja, u ġejja mill-fatt li hu jħossu dejjem barrani, għax għalkemm jgħix fid-dinja hu jaf li mhuwiex tad-dinja. Minħabba f'hekk spiss iġarrab fid-dinja l-emarġinazzjoni u wkoll il-persekuzzjoni. Imma Ġesù *jiġi* u *joqgħod* fost dawk li huma tiegħu; *jiġi* biex *joqgħod* magħhom (il-verb jindika t-tul tal-preżenza); jiġi biex isaħħaħhom bid-doni tiegħu: bil-preżenza tiegħu, bil-paċi u l-ferħ tiegħu, bl-Ispirtu qaddis tiegħu.

**U qalilhom: "is-sliem għalikom".**

Mhijiex sempliċi tislima jew awgurju, imma don li Ġesù qed jagħtihom. Hija l-paċi li kien wiegħdhom fl-aħħar ikla: *"Jiena nħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja"* (Ġw 14,27) (ara wkoll: Ġw 14,18-19; 16,16-23; 2Tess 3,16; Rm 5,3). Hija l-paċi li tgħinhom jegħlbu kull biża' u jiksbu l-ħelsien interjuri li jrid jagħtihom Ġesù bil-qawmien tiegħu. Hija r-rebħa fuq l-iskandlu tas-salib.

**Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu.**

Il-paċi li Ġesù jagħtihom hija l-frott tas-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib. *"Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu"* (1Pt 2,24) (ara wkoll: 2Tim 2,1-13). Il-pjagi jagħmlu parti mill-identità ta' Kristu rxoxt (Ap 5,6). Juru min hu!

**Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.**

Il-ferħ tad-dixxipli huwa, iva, ferħ psikoloġiku, sentiment, emozzjoni; imma mhux biss; huwa ħafna aktar minn hekk. Huwa dak is-sens ta' milja tal-qalb li d-dixxiplu jħoss meta jkun fil-preżenza tal-Mulej. Id-dixxiplu jgħix għall-Mulej, u għalhekk meta jħoss il-preżenza tiegħu jġarrab il-milja tal-ferħ. Huwa l-ferħ li l-ħabib tal-Għarus iħoss meta jisma' leħen l-Għarus (Ġw 3,29). Huwa l-ferħ li ma jistax jitteħdilna (Ġw 16,22; 20,27) (ara wkoll: Lq 24,39-41; Mt 28,8). Din il-mixja mill-biża' għall-ferħ hija element importanti fl-esperejnza tal-Għid.

**Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom."**

Il-ferħ li d-dixxipli jġarrbu fil-preżenza ta' Ġesù huwa importanti iżda mhuwiex l-aħħar kelma; warajh (anzi minnu) tiġi l-missjoni. *"Kif il-Missier bagħat lili hekk jien nibgħat lilkom."* Fi kliem ieħor, mhuwiex ferħ li d-dixxiplu jġarrab għalih innifsu u jżommu għalih, imma ferħ li jrid jaqsmu mal-oħrajn.

**Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."**

Il-ferħ li d-dixxipli huma mibgħuta jaqsmu mal-oħrajn huwa l-ferħ tas-salvazzjoni, li tiġi mill-maħfra tad-dnubiet. Il-missjoni tad-dixxipli mhijiex differenti minn dik ta' Ġesù imma hija biss il-kontinwazzjoni tagħha, bħall-friegħi fid-dielja (Ġw 15,9). Ġesù kien mibgħut mill-Missier biex id-dinja ssalva permezz tiegħu (Ġw 3,17). Din il-missjoni tiegħu issa qed jgħaddiha lill-Knisja, u għalhekk mhijiex proporzjonata mal-ħila tad-dixxipli imma mal-imħabba tal-Mulej, u huma jistgħu jwettquha biss bil-qawwa li jagħtihom hu. Għal dan il-għan Ġesù jagħtihom l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu biss hu kapaċi jsalva u joħloq bniedem ġdid (Eżek 36,26-27; Salm 50,12-13; 1Slt 17,21). L-Ispirtu huwa n-nifs ta' Kristu: *nefaħ fuqhom* (ἐνεφύσησεν). Diġà fuq is-salib Ġesù *radd ruħu* (Ġw 19,30), jiġifieri nefaħ l-Ispirtu tiegħu fuq il-Knisja preżenti fuq il-Kalvarju. Dan ikompli juri kif anke l-istess don tal-Ispirtu s-Santu hu frott tas-sagrifiċċju ta' Ġesù fuq is-salib, jiġifieri frott tal-glorifikazzjoni tiegħu (Ġw 7,39).

**Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej". Iżda hu qalilhom: Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqiegħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx."**

Tumas ma kienx mal-oħrajn li, għalkemm imbeżżgħin, kienu flimkien. Għax ma kienx magħhom, Tumas ma jirċevix iż-żjara tal-Mulej Ġesù, u jeskludi lilu nnifsu mill-ferħ tal-

komunjoni. Id-dixxipli jagħtuh l-aħbar li Ġesù hu ħaj, rawh huma stess, u bħala prova ta' dan ixandrulu l-pjagi li Ġesù stess uriehom. Il-pjagi jsiru s-sinjal tal-qawmien veru ta' Ġesù. Huwa l-istess Ġesù li qabel kien imsallab. Għalhekk Tumas jitlob li jarahom hu stess, anzi jmisshom ukoll, jiġi f'kuntatt magħhom.

Tumas ma jikkuntentax ruħu bix-xhieda tal-oħrajn. Tgħid għax tabilħaqq ma riedx jemmen? Jew għax l-oħrajn ma kienux konvinċenti biżżejjed? Imma dak li hu pożittiv f'Tumas huwa l-fatt li ried jagħmel esperjenza diretta ta' Ġesù. Għalih mhux biżżejjed x'jgħidu l-oħrajn dwaru; irid jiltaqa' miegħu hu personalment. U għax kien sinċier fit-tfittxija tiegħu, Ġesù jaqtagħlu xewqtu (ara: Ġer 29,13-14). Ġesù jaf li Tumas iħobbu, u jrid jgħinu; jidħol fi djalogu miegħu u joffrilu li jmissu, jingħata lilu.

**Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Imbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara jdejja, u ressaq idek u qiegħdha fuq ġenbi: tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen." Wieġeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi".**

It-titli *Mulej* u *Alla* jikkorrispondu għal *Yahweh* u *Elohim* mogħtija lil Alla fl-Antik Testment. Dik ta' Tumas hi għalhekk stqarrija ċara ta' fidi fid-divinità ta' Ġesù. Dan hu fl-aħħar mill-aħħar l-iskop li għalih inkiteb il-vanġelu skont Ġwanni: *"sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu"* (Ġw 20,31). L-aġġettiv *tiegħi*, ripetut darbtejn, juri l-aspett personali u suġġettiv tal-fidi f'Ġesù, li twassal għall-appartenenza reċiproka ta' Ġesù u d-dixxiplu: *"Jien tal-maħbub, u tiegħi l-maħbub tiegħi!"* (Għanja 6,3).

**Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu".**

Li tkun għext fiżikament ma' Ġesù mhuwiex biżżejjed biex tkun tafu sewwa; mill-banda l-oħra dan it-tip ta' għarfien huwa possibbli anke f'dawk li ma għexux fiżikament miegħu. Dan il-fatt jimla bil-kuraġġ lil dawk li lilhom Ġwanni qed jikteb u lilna llum, għax anke aħna nistgħu nagħrfu lil Ġesù saħansitra aktar minn dawk li għexu miegħu: jekk nemmnu fih! Nistgħu ngħidu li tabilħaqq qed ngħixu fi żmien il-Għid!

**MEDITATIO**

- X'tip ta' għarfien għandi ta' Ġesù?... Nista' ngħid li nemmen fih?...
- Inħoss li qed ingawdi l-paċi u l-ferħ ta' Ġesù rxuxtat?... jew għadni maħkum mill-biża', bil-bibien ta' qalbi magħluqa?...
- Liema huma l-pjagi li llum Ġesù qed jurini biex nemmen?...

**ORATIO - CONTEMPLATIO**

*Nieqaf f'adorazzjoni siekta quddiem Ġesù, bħal Tumas, indaħħal bil-fidi jdejja fil-kustat tiegħu, u nistqarr: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!"*